MALTA

QORTI TA' L-APPELL

ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2/2008

John Grech

vs

Direttur tas-Sigurta` Socjali

Il-Qorti,

Fit-12 ta’ Frar, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tat-13 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha cahad it-talba ta' Grech ghall-ghajnuna peress li kien jaqbez il-limitu tal-mezzi konsentiti, kif ukoll l-appell tar-rapprezentat tieghu bid-data tas-26 ta’ Novembru 2006.

> L-appellant spjega ic-cirkostanzi ghaliex l-appell tieghu gie intavolat ftit tard u ghalhekk qed tigi michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-Dipartiment.
>
> Dwar il-meritu l-imsemmija decizjoni ttiehdet peress li d-Dipartiment sar jaf li l-appellant ftit taz-zmien qabel kellu depositi bankarji ta' kwazi tnax-il elf lira Maltija; meta gie mitlub jispjega kif fi ftit taz-zmien dan l-ammont nizel taht in-nofs, huwa ippresenta diversi kontijiet li pero' ma gewx accettati mid-Dipartiment fil-maggoranza taghhom.
>
> L-Arbitru sema' fit-tul lill-istess appellant u dan qal li kien sewwa l-gallerija, bajjad id-dar kollha u kien ghamel is-saqaf bil-membrane; ta' dawn ma kellux ir-ricevuti. Mistoqsi mill-Arbitru, ma seta' jsemmi ebda spiza ohra ta' xi konsistenza. Huwa qabel li fil-fatt fi zmien ftit xhur gibed mill-banek aktar minn sebat elef lira.
>
> Mic-cirkostanzi u mill-provi li rrezultaw l-Arbitru hu tal-fehma li d-decizjoni kienet gustifikata u dan l-appell ghandu jigi michud.**"**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-appellanti John Grech jiddenunzja l-ezistenza ta' vizzju fl-apprezzament kondott mill-Arbitru tal-gravam sottopost minnu lilu. Bazikament, huwa jissottometti b'aggravju illi l-fatt tan-non-producibilita` ta' ricevuti ghal certi spejjez inkorsi f'xoghlijiet fir-residenza tieghu ma kellux jimmilita kontra tieghu. Addizzjonalment, jissottometti wkoll, illi r-rilevanza personali ta' l-Arbitru illi dawk l-istess xoghlijiet ma kienux jiggustifikaw it-tnaqqis fil-kapital ma ghandu jkollha l-ebda fondament guridiku meta mhix appoggjata minn opinjoni ta' espert;

Fil-qosor, il-fatti li taw lok ghall-appell quddiem l-Arbitru kienu dawn. Fit-12 ta' Gunju, 2006 l-appellanti ressaq applikazzjoni biex jinghata l-Ghajnuna ghal Mard. Fuq l-

investigazzjoni tieghu d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali sab li sa l-ahhar ta' Dicembru 2004 l-appellanti kellu f'assi kapitali fil-banek is-somma ta' Lm11,990.68. Irrizultalu wkoll illi fil-kors tas-sena 2005 l-appellanti ghalaq fi zmien relattivament qasir xi kontijiet bankarji li kellu u meta talab spjegazzjoni dwar ir-riduzzjoni f'dawk l-assi kapitali, l-appellanti ddikjaralu li kien inkorra diversi spejjez, komprizi dawk relattivi ghal xoghlijiet fid-dar tieghu. Uhud minn dawn l-ispejjez kienu sopportati minn dokumenti u ricevuti; ohrajn le. F'dawk ic-cirkustanzi d-Direttur appellat, bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni affidat lilu mil-ligi, iddetermina illi l-appellanti ma kienx ipproduca ricevuti bizzejjed biex jissostanzja l-infiq allegat. Agguntivament, li ma setax ikun sodisfatt illi l-appellanti ma cahhadx lilu nnifsu jew xort'ohra iddispona mill-kapital li kellu biex jikkwalifika ghall-ghajnuna sperata;

Normalment ma ghandux ikun hemm dubju illi, kif sewwa sottomess mill-appellanti bir-referenza ghal kazistika li jsemmi, in-nuqqas ta' esebizzjoni ta' ricevuti ma jwassalx ghal daqshekk biss biex l-allegazzjoni li jkun sar certu hlas tigi disdetta. Kif ritenut "hu car li l-fatt tar-ricevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk ma hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova". ("**Angelo Scicluna -vs- John Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju, 1951). Dan ma jffissirx pero` li l-prova ta' dak il-hlas ma tkunx tista' ssir b'kull mezz iehor ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju. Fir-rigward il-gurisprudenza hi wahda konkordi. Ara b'ezemplari "**Avv. John Buttigieg *nomine* -vs- Joseph Portelli *nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar, 1976 u "**John Cini -vs- Rita Camilleri**", Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju, 1982. B'danakollu, billi skond taghlim sekolari "*la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega*" ("**Negte. Michele Apap *nomine* -vs- Giuseppe Grech**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju, 1885), dik il-prova, fl-assenza ta' ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti;

Stabbilit dan, il-kwestjoni involuta f'dan il-kaz huwa jekk l-appellanti effettivament ipproduciex, ghal konvinciment tad-Direttur u/jew ta' l-Arbitru, il-prova sal-grad rikjest, appena affermat;

Innegabilment, is-setgha diskrezzjonali vestita f'kull awtorita` jew tribunal aggudikanti dwar il-valutazzjoni tal-provi ggib maghha sitwazzjoni illi fejn dik l-istess awtorita` jew tribunal issib bhala fatt li ma ghandhiex toqghod fuq l-allegazzjoni jew li ma giex provvdut it-taghrif kollu essenzjali ghal skop ta' konvinciment biex tkun sostenuta l-bazi ta' dik l-istess allegazzjoni, huma ghandhom is-setgha li jiddeterminaw li tonqos il-prova jew li din baqghet, insodisfacenti. Huwa dan l-istess rizultat u konkluzjoni li wasslu ghalih sew id-Direttur appellat kif ukoll l-Arbitru. Proprju dan ta' l-ahhar deherlu li l-appellanti ma kienx lahaq dak il-grad ta' prova sodisfacenti ghal konvinciment divers minn dak tad-Direttur;

Fuq ir-rivalutazzjoni taghha ta' l-inkartament tal-kaz, din il-Qorti tistqarr li hi l-ferma konvinzjoni taghha, anke minghajr l-influwenza tal-fehma personali ta' l-Arbtiru fis-sentenza appellata, illi d-Direttur appellat ma kienx bla gustifikazzjoni fid-dubbji tieghu li ma japprovax l-applikazzjoni ta' l-appellanti. Ghad li mhux uzati f'kuntest ghal kollox identiku, anke jekk il-mertu hu wiehed affini, trattasi wkoll ta' talba ghal Ghajnuna ghal Mard, biex jigu wzati l-kliem tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kaz "**Paul Faenza -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 11 ta' Mejju, 1998, "din il-Qorti m'ghandhiex raguni biex tiddisturba l-apprezzament ta' fatt da parti ta' l-Arbitru li fil-verita` kien qieghed jirrevedi u jikkonferma decizjoni anterjuri tad-Direttur li vverifika l-istess fatti. Ma tirrizulta l-ebda raguni gravi li tintitola lil din il-Qorti biex tiddisturba l-apprezzament li wasal ghalih l-Arbitru li kjarament issottoskriva l-opinjoni tad-Direttur illi l-fatti kif sottomessi mill-appellant ma kienux attendibbli u kienu indikattivi ta' sforz da parti ta' l-appellant biex, direttament jew indirettament icahhad lilu nnifsu minn proprjeta` biex ikollu

jedd ghal ghajnuna ghal mard taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali";

Tabilhaqq, ikollu jinghad illi l-pretensjoni ta' l-appellanti, kieku kellha tigi akkolta, apparti li tiddistruggi ghal kollox il-possibilita ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni, twassal ghal konsegwenza illi sew id-Direttur, sew l-Arbitru, kellhom bilfors jassumu li dik l-allegazzjoni verbali tieghu ta' certu nfiq kellha titqies ghal kollox attendibbli. Dan avolja hu ma jkunx forna fil-gudizzju, u ankorke kienet tonqos il-prova tar-ricevuti, provi ohra inkonfutabbli u ta' min jorbot fuqhom bhal, per ezempju, id-dikjarazzjonijiet jew xhieda tal-persuni li allegatament ezegwew ix-xoghlijiet riparatrici jew ta' manutenzjoni fil-fond tar-residenza tieghu. Ghal din il-Qorti dan ma huwiex legittimament accettabbli u, allura, linejarment mal-hsieb traccjat fis-sentenza succitata, mhix lesta li ticcensura d-diskrezzjoni ta' l-Arbitru jew li tissostitwixxi ghad-decizjoni tieghu, id-decizjoni diversa taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u d-decizjoni ta' l-Arbitru, ikkonfermata, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

< Sentenza Finali >

----------TMIEM----------